



Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10269/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0137 (NLE)**

**SOC 375
EMPL 199
ECOFIN 788
EDUC 256**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 510 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 510 final.

Mehmuż: COM(2026) 510 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2026
COM(2026) 510 final

2026/0137 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjegi tal-Istati Membri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi li l-Istati Membri jqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom u l-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u li jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom fi ħdan il-Kunsill. Il-Kunsill meħtieġ jadotta linji gwida dwar l-impjiegi (l-Artikolu 148) li jridu jkunu konsistenti mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi (l-Artikolu 121).

Filwaqt li l-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi huma validi fuq bażi kontinwa, il-linji gwida dwar l-impjiegi jridu jitfasslu kull sena. Iż-żewġ settijiet ta' linji gwida ġew adottati flimkien ("pakkett integrat") fl-2010 u rifdu l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-2015 ġew adottati l-linji gwida integrati riveduti. Għal-linji gwida dwar l-impjiegi, mill-2018 ġiet żviluppata Prattika li talterna bejn aġġornament sħiħ (li jkopri kemm il-premessi kif ukoll il-linji gwida proprji) kull sentejn, u "tiġdid" (aġġornament tal-premessi filwaqt li l-linji gwida proprji jibqgħu kif inhuma) fis-sena intermedja. Wara aġġornament sħiħ fl-2024, fl-2025 twettaq tiġdid. Għalhekk, din is-sena qed jiġu aġġornati kemm il-linji gwida proprji kif ukoll il-premessi. Fil-linji gwida jiddaħħlu elementi ġodda, b'mod partikulari dwar: (i) il-kwalità tal-impjiegi (relatata mal-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità ppreżentat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2025 u mal-ħidma tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) dwar id-diversi dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi u l-qafas ta' monitoraġġ relatat); (ii) il-ħiliet u l-edukazzjoni (skont ir-Rakkomandazzjoni l-ġdida tal-Kunsill dwar il-Kapital Uman ippreżentata mill-Kummissjoni f'Novembru 2025 u adottata mill-Kunsill f'Marzu 2026); u (iii) it-tnaqqs tal-faqar u tal-inklużjoni soċjali (skont l-Istrateġija Kontra l-Faqar ippreżentata mill-Kummissjoni f'Mejju 2026). Il-linji gwida ġew issimplifikati b'mod sinifikanti wkoll biex jiġu evitati r-repetizzjonijiet u jinftiehm u aħjar. Anki l-premessi ġew aġġornati mal-kontest soċjoekonomiku attwali u mal-inizjattivi ta' politika l-aktar reċenti.

Flimkien mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi, il-linji gwida dwar l-impjiegi qegħdin jiġu ppreżentati bħala Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (il-Parti II tal-Linji Gwida Integrati) u jipprovdu l-baży għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fl-oqsma rispettivi.

Il-"Linji Gwida dwar l-Impjiegi" riveduti huma dawn li ġejjin:

Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol

Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista tal-ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet tul il-ħajja, u l-kompetenzi

Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Linja gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali, u nipprevjenu u nikkumbattu l-faqar

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 148(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁽²⁾,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi⁽³⁾,

Billi:

- (1) L-Istati Membri u l-Unjoni jridu jaħdmu biex jiġu żviluppata strateġija kkoordinata għall-impjiegi u b'mod partikulari għall-promozzjoni ta' forza tax-xogħol b'ħiliet, imħarrġa, u adattabbli, kif ukoll swieq tax-xogħol inklużivi u reżiljenti, bil-ħsieb li jintlaħqu l-oġettivi ta' okkupazzjoni sħiħa u progress soċjali, u ta' tkabbir ekonomiku bbilanċjat stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-Istati Membri jridu iqisu l-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f'dak ir-rigward fi ħdan il-Kunsill.
- (2) L-Unjoni trid tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal kif stabbilit fl-Artikolu 3 tat-TUE. Meta tkun qed tiddefinixxi u timplementa l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni trid tqis ir-rekwiżiti relatati mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u l-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (3) F'konformità mat-TFUE, l-Unjoni żviluppata u implimentat qafas integrat ta' koordinazzjoni tal-politika għall-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew⁽⁴⁾. Is-Semestru Ewropew huwa allinjat mal-Boxxla għall-

¹ L-Opinjoni ta' (id-data għadha trid tiġi ddeterminata) 2026 (għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

² L-Opinjoni ta' (id-data għadha trid tiġi ddeterminata) 2026 (għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

³ L-Opinjoni ta' (id-data għadha trid tiġi ddeterminata) 2026 (għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar

Kompetittività, li tipprovdi qafas biex tingħata spinta lill-kompetittività billi jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni, tiġi dekarbonizzata l-ekonomija tagħna, jitnaqqsu d-dipendenzi eċċessivi, u tiżdied is-sigurtà. Il-Boxxla tidentifika l-ħiliet, l-impjieg ta' kwalità, u l-ġustizzja soċjali fost il-faċilitaturi orizzontali. Is-Semestru Ewropew jintegra wkoll il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, u mill-Kummissjoni f'Novembru 2017⁽⁵⁾. Dan joqgħod fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala l-għodda ta' monitoraġġ tiegħu. It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tipprovdi wkoll il-bażi għal analiżi tar-riskji u tal-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni, fil-qafas tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali⁽⁶⁾. Is-Semestru Ewropew jipprevedi djalogu qawwi mas-sħab soċjali, mas-soċjetà ċivili, u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. Is-Semestru huwa kkomplementat ukoll mill-governanza u r-rakkomandazzjonijiet tal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

- (4) Bħala parti minn dan il-qafas, il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri ("il-Linji Gwida dwar l-impjieg") stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, flimkien mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1184⁽⁷⁾, jiffurmaw il-Linji Gwida Integrati. Il-Linji Gwida dwar l-impjieg jridu jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-politika fl-Istati Membri u fl-Unjoni, b'mod li jirrifletti l-interdipendenza bejn l-Istati Membri. Il-ġabra ta' politiki kkoordinati li tirriżulta fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali tikkostitwixxi taħlita xierqa ta' politiki ekonomiċi, tal-impjieg, u soċjali. Din jenħtieġ li tikseb effetti konsegwenzjali pożittivi għas-swieq tax-xogħol u għas-soċjetà inġenerali, issaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali, u twieġeb b'mod effettiv għall-isfidi fuq terminu medju u itwal, inkluża l-ħtieġa li jissaħħu l-kompetittività, l-innovazzjoni, u l-produttività, u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-politiki ekonomiċi u tal-impjieg tal-Unjoni u tal-Istati Membri jimxu id f'id mat-tranżizzjoni ġusta tal-Unjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, ambjentalment sostenibbli, u diġitalment sovrana.
- (5) Il-Linji Gwida dwar l-impjieg huma konsistenti mal-qafas rivedut ta' governanza ekonomika tal-Unjoni, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024⁽⁸⁾, u mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni u l-inizjattivi tal-Unjoni. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, tal-5 ta' Marzu 2025⁽⁹⁾, u dik dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea Kontra l-Faqar: nindirizzaw u nipprevjenu l-faqar mit-tfulija sax-xjuħija, tas-6 ta' Mejju 2026, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kapital Uman fl-Unjoni Ewropea, tad-9 ta' Marzu 2026.

ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

⁵ Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

⁶ Ara l-Artikolu 3(3)b u l-premessa 8 tar-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1184 tal-14 ta' Lulju 2015 dwar linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 192, 18.7.2015, p. 27).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-kordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

⁹ COM(2025) 90 final.

- (6) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi 20 prinċipju u dritt biex jappoġġaw swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb. Huma strutturati madwar opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. Dawn il-prinċipji u d-drittijiet jagħtu direzzjoni strateġika lill-Unjoni. Anki l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, flimkien mat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ta' miegħu, jikkostitwixxi gwida għall-monitoraġġ tal-impjiegi, il-ħiliet, u l-prestazzjoni soċjali tal-Istati Membri u l-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni, fis-Semestru Ewropew. Il-Pilastru jixpruna r-riformi u l-investimenti fil-livelli nazzjonali, reġjonali, u lokali, u jippermetti r-rikonċiljazzjoni tas-“soċjali” u tas-“suq” fl-ekonomija moderna tal-lum.
- (7) Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan kien jinkludi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena), u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-“miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030”). Kien jinkludi wkoll sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Il-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030 intlaqgħu b'sodisfazzjon mill-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern fis-Summit Soċjali ta' Porto ta' Mejju 2021 u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021. Flimkien mat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, dawn jappoġġaw il-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fis-Semestru Ewropew. F'dan il-kuntest, anki l-Istati Membri stabbilew miri nazzjonali ambizzjużi li, meta titqies kif xieraq il-pożizzjoni inizjali ta' kull pajjiż, jikkostitwixxu kontribut adegwat għall-ilħuq tal-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030.
- (8) L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-progress fir-rigward tal-miri ewlenin tal-Unjoni u dawk nazzjonali għall-2030 hija mmonitorjata fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi li ġie adottat mill-Kunsill f'Marzu 2026 u hija integrata fl-għodod ta' monitoraġġ għas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fih “analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż” dwar ir-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq f'konformità mal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali. Dan tal-aħħar jidentifika l-Istati Membri li jesperjenzaw riskji potenzjali u li jridu jiġu eżaminati f'“analiżi tat-tieni stadju” aktar profonda.
- (9) Il-Linji Gwida Integrati jservu ta' bażi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati mill-Kunsill lill-Istati Membri fl-ambitu tas-Semestru Ewropew. Filwaqt li dawn il-Linji Gwida Integrati huma indirizzati lill-Istati Membri u lill-Unjoni, jenħtieġ li jiġu implimentati fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, filwaqt li jkunu involuti mill-qrib il-parlamenti, kif ukoll is-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Jenħtieġ li s-suq tax-xogħol u r-riformi soċjali jirrispettaw il-prattiki nazzjonali tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv, kif ukoll l-awtonomija tas-sħab soċjali. L-importanza tad-djalogu soċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi fid-dinja tax-xogħol ġiet affermata mill-ġdid fis-Summit ta' Val Duchesse tal-2024 u fil-Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew iffirmat f'Marzu 2025.
- (10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-finanzjament disponibbli tal-UE, b'mod partikulari mill-Fond Soċjali Ewropew Plus u mill-Fond Soċjali għall-Klima, biex jinkoraġġixxu impjiegi u ħiliet ta' kwalità, jiġġieldu kontra l-faqar, u jappoġġaw l-impjiegi u r-riformi u l-investimenti soċjali. Dan jinkludi l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, l-iżgurar tal-aċċessibbiltà u tal-inklużjoni,

u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-forza tax-xogħol, it-tagħlim tul il-ħajja, u l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja għal kulħadd. Għall-perjodu ta' finanzjament ta' wara l-2027, il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (PSNR) se jkomplu jippromwovu u jsaħħu l-isforzi integrati f'dawn l-oqsma. Jenħtieġ li l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi jorjentaw l-ipprogrammar tal-PSNR. Fil-kuntest tal-oġettivi ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, il-Fond Soċjali għall-Klima¹⁰ se jkun kruċjali fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli, tal-utenti vulnerabbli tat-trasport, u tal-mikrointrapriżi vulnerabbli.

- (11) Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jenħtieġ li jimmonitorjaw kif jiġu implimentati l-politiki rilevanti fid-dawl tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, bi qbil mal-mandati rispettivi skont it-TFUE. Dawn il-Kumitati u l-korpi preparatorji tal-Kunsill involuti fil-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi u soċjali jenħtieġ li jaħdmu flimkien mill-qrib. Id-djalogu ta' politika bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ li jibqa' għaddej, b'mod partikulari fir-rigward tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi.
- (12) Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ġie kkonsultat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Linji Gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (il-“Linji Gwida dwar l-Impjiegi”), kif stabbilit fl-Anness, huma b'dan adottati. Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi għandhom jiffurmaw parti mil-Linji Gwida Integrati.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iqisu l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi fil-politiki dwar l-impjiegi u l-programmi ta' riforma tagħhom, li għandhom jiġu rrapportati f'konformità mal-Artikolu 148(3) tat-TFUE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1-51).